MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## ANNA FELICE

Seduta tat-8 ta' Novembru, 2011

Citazzjoni Numru. 284/2010

**A B**

**-vs-**

**Dr. Simon Micallef Stafrace u l-Prokuratur Legali Doreen Aquilina li b'digriet tat-18 ta' Novembru 2010 gew nominati bhala Kuraturi Deputati sabiex jirraprezentaw lill-assenti C D**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ta' A B, li permezz tieghu, wara li ppremettiet:

Illi r-rikorrenti zzewget civilment lill-intimat li hu mis-Sirja, u dan skond ma jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg li qed jigi anness u mmarkat bhala Dokument 'A'.

Illi l-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha.

Illi l-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg kien ukoll vizzjat billi kien hemm l-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga.

Illi dan kien biss zwieg ta' konvenjenza, billi r-rikorrenti zzewget lill-intimat, li kellu bzonn jizzewweg mara Maltija biex jibqa' Malta, biss stante li dan weghedha somma flus, u li fil-fatt hallasha, u liema somma hi kienet tehtieg dak iz-zmien sabiex issostni vizzju li kellha.

Illi l-koppja zzewgu biss ftit jiem wara li ltaqghu u missier ir-rikorrenti ghadu sal-lum stess lanqas jaf li bintu hi mizzewga peress li r-rikorrenti dejjem hbiet dak li kienet ghamlet, u l-kontendenti lanqas ghexu jum wiehed flimkien wara z-zwieg taghhom, u m'ghandhomx tfal.

Illi ukoll iz-zwieg tal-kontendenti qatt ma gie kunsmat.

Illi ghalhekk l-imsemmi zwieg huwa null u bla effett ai termini tal-artikoli 19 (1) (d) u/jew (f) tal-Att Dwar iz-Zwieg (Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta), u kif ukoll skond l-artikolu 19A tal-istess Kap.

Ghaldaqstant, l-intimati jghidu ghalfejn din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

Tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg ikkuntrattat bejn il-kontendenti huwa null u bla effett ghal dawk ir-ragunijiet kif hawn fuq spjegati u skond l-artikoli tal-ligi citati.

Bl-ispejjez kontra l-intimat li hu ingunt ghas-subizzjoni.

Rat id-digriet tal-Qorti tat-18 ta' Novembru 2010, li permezz tieghu gew nominati l-Avukat Simon Micallef Stafrace u l-Prokuratur Legali Doreen Aquilina biex jirraprezentaw lill-assenti C D.

Rat ir-risposta tal-fuq imsemmija kuraturi, li permezz taghha eccepew:

Illi l-esponenti m’humiex edotti mil-fatti u ghalhekk qeghdin jirrizervaw id-dritt li jipprezentaw risposta motivata f’kaz u jekk jigu edotti mill-fatti.

Rat l-affidavit prodott.

Rat il-verbal tas-seduta quddiem l-Assistent Gudizzjarju.

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Ikkunisdrat illi jirrizulta li dan kien zwieg ta’ konvenjenza klassika. Ir-rikorrenti, fil-mument taz-zwieg, kienet mahkuma mill-vizzju tad-droga u ghalhekk dejjem fil-bzonn tal-flus biex issostni l-vizzju. L-intimat huwa mill-Marokk u kellu bzonn tal-permess biex jibqa’ Malta. Iltaqghu biss fil-gurnata taz-zwieg, ir-rikorrenti rceviet il-flus imweghda u qatt ma raw lil xulxin aktar.

“*Meta l-unika skop tal-kontraent ikun li jibqa’ Malta biex jahdem u eventwalment jikseb ic-cittadinanza, hu jkun qieghed pozittivament jeskludi z-zwieg innifsu, b’mod li jkun hemm simulazzjoni totali. Naturalment, f’dawn il-kazijiet wiehed m’ghandux jistenna li jsib prova diretta tas-simulazzjoni, fis-sens ta’ xi dikjarazzjoni esplicita ta’ l-intenzjoni ta’ dak li jkun, pero’ tali intenzjoni tista’ tigi manifestata wkoll implicitament*”, (“**Miriam Ramadan Mabrouk xebba Psaila vs Lovay Ramadan Wahba Mabrouk**”, deciza mill-Qorti Civili Prim’Awla fis-16 ta’ Jannar, 1998).

**Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi:**

Tilqa’ t-talba tar-rikorrenti u tiddikjara illi z-zwieg kuntrattat bejn A B u C D fit-30 ta’ Ottubru 2001 huwa null u bla effett.

L-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------